

32002R0982

6.6.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 150/45

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 982/2002**  
**tas-7 ta' Ġunju 2002**  
**li jistabbilixxi l-istandards tal-marketing għall-faqqiegħ kultivat**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Filwaqt li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Filwaqt li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2260/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħaxix<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 545/2002<sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 2(2),

Billi:

- (1) Il-faqqiegħ ikkoltivat huwa fost il-prodotti elenkati f'L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 li għalihom għandhom jitwaqqfu l-istandards. Għal dak l-iskop u fl-interess li tiġi priservata t-trasparenza fis-suq dinji, għandu jittieħed kont ta' l-istandard għall-faqqiegħ kultivat rakkomandat mill-Kumitat tal-Ħidma fuq l-Istandardizzazzjoni dwar Prodotti li Jitħassru u L-Iżvilupp tal-Kwalità tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tal-Ġnus Magħquda (KEEĠM).
- (2) L-applikazzjoni ta' dawn l-istandardi għandha tneħħi prodotti ta' kwalità mhux soddisfaċenti mis-suq u ġġib il-produzzjoni konformi mar-ħtiġijiet tal-konsumatur u b'hekk tiffaċilita l-kummerċ bażat fuq il-konkorrenza leali, u b' hekk tgħin fit-titjib tal-profitabilità.
- (3) L-istandardi japplikaw fl-istadji kollha tal-marketing. It-trasport fuq distanza twila, il-ħażna għal ċertu perjodu u l-proċessi varji li jgħaddu minnhom il-prodotti jistgħu jikkawżaw xi deterjorazzjoni minħabba l-iżvilupp bioloġiku tal-prodotti jew in-natura tagħhom li titħassar. Għandu jittieħed kont ta' tali deterjorazzjoni meta jiġi applikat l-istandard fl-istadji tal-marketing wara li jkunu nbagħtu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fis-7 ta' Ġunju 2002.

- (4) Billi l-prodotti fil-klassi "Extra" għandhom jiġu mqasma u ppakkjati b'attenzjoni partikolari, fil-każ tagħhom għandha tittieħed konsiderazzjoni biss tan-nuqqas ta' freskezza u turġidità.
- (5) Il-miżuri maħsuba f' dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Frott u l-Ħaxix Frisk,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-istandard tal-marketing għall-faqqiegħ ikkoltivat tal-genus *Agaricus* li jaq' taħt il-kodiċi KN 0709 51 00 għandu jkun kif stipulat fl-Anness.

L-istandard għandu japplika għall-istadji tal-marketing kollha taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Madankollu, fl-istadji wata li jintbagħtu, il-prodotti jistgħu juru, fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' l-istandard, nuqqas żgħir ta' freskezza u turġidità; prodotti gradati fi klassijiet għola mill-klassi "Extra" jistgħu juru oltre dan deterjorazzjonijiet żgħar minħabba l-iżvilupp tagħhom u t-tendenza tagħhom li jitħassru.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jgħodd mill-1 ta' Jannar 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 84, tat-28.3.2002, p. 1.

## L-ANNESS

## STANDARD GĦALL-FAQQIEGĦ IKKOLTIVATI (AGARICUS)

## 1. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-istandard japplika għall-karpofoři (iġsma tal-frott) ta' strains imkabbra mill-genus *Agaricus* (syn. *Psalliota*), li għandhom jiġu forniti lill-konsumatur friski, eskluż il-faqqiegħ għall-proċessar industrijali.

Il-faqqiegħ huwa klassifikat fis-segwenti tipi kummerċjali, fejn dawn huma l-ewwelnett klassifikati f' żewġ gruppi:

- faqqiegħ mhux maqtugħ li għandu il-parti t'isfel tal-qasba mhux maqtugħa
- faqqiegħ maqtugħ li għandu il-parti t'isfel tal-qasba maqtugħa. Il-qatgħa għandha tkun nadifa u approssimattivament perpendikolari ma' l-assi lonġitudinali;

Fiż-żewġ gruppi, issir distinzjoni bejn l-istadji suċċessivi ta' l-iżvilupp:

- faqqiegħ magħluq (jew denominazzjoni ekwivalenti), cioè' faqqiegħ bil-kappa kompletament magħluqa
- faqqiegħ mġhotti, cioè' faqqiegħ li l-kappa tiegħu hija konnessa mal-qasba permezz tal-velu,
- faqqiegħ miftuħ, cioè' faqqiegħ b'kappa miftuħa (kappa miftuħa jew ċatta; hija meħteġa liwja ħafifa 'l isfel tat-truf tal-kappa,
- faqqiegħ ċatt, cioè' faqqiegħ li huwa miftuħ kollu (iżda t-truf tal-kappa mħumiex invertiti jew ikkappjati wisq);

Il-faqqiegħ huwa mbagħad ikklassifikat f' żewġ gruppi tal-kulur:

- "abjad"
- "kannella" jew "qastni"

## 2. DISPOSIZZJONIJIET RIGWARD IL-KWALITÀ

L-għan ta' l-istandard huwa li jiddefinixxi l-ħtiġijiet dwar il-kwalità wara l-preparazzjoni jew l-ippakkjar.

## A. Ħtiġijiet minimi

Fil-klassijiet kollha, suġġett għad-dispożizzjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, il-faqqiegħ għandu jkun:

- intatt; faqqiegħ maqtugħ li jikkonforma mad-definizzjoni jitqies bħala intatt,
- tajjeb; prodotti effettwati minn tħassir, żieda kbira fil-kulur kannella fil-qasba jew deterjorazzjoni li jrenduh mhux tajjeb għall-konsum huwa eskluż,
- nadif, prattikament liberu minn materji viżibbli esterni minbarra materjal ta' għata
- apparenza friska, għandu jittieħed kont tal-kulur tipiku tal-gill ta' l-istrain u/jew tip kummerċjali,
- prattikamenti liberu mill-pesti
- prattikament liberu mill-ħsara kawżata mill-pesti;
- liberu minn umdità esterna mhux normali
- liberu minn irwejjaħ u/jew toġhmiet esterni

l-iżvilupp u l-kundizzjoni tal-faqqiegħ għandhom jkun tali li jippermettulu:

- li jiflaħ it-trasport u l-qbid, u
- li jasal f' kundizzjoni soddisfaċenti u fil-post tad-destinazzjoni.

## B. Klassifikazzjoni

Il-faqqiegħ huwa klassifikat fit-tliet klassijiet mfissra hawn taħt:

## (i) Klassi "Extra"

Faqqiegħ f' din il-klassi għandu jkun ta' kwalità superjuri. Fil-forma, apparenza, żvilupp u kulur għandhom ikunu karatteristiċi tat-tip kummerċjali. Għandhom ikunu ffurmati tajjeb.

Għandhom ikunu liberi mid-difetti b'eċċezjoni ta' difetti ħfief ħafna superfiċjali sakemm dawn ma jaffettwawx l-apparenza ġenerali tal-prodotti, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fl-imballaġġ.

Il-faqqiegħ għandu jkun prattikament liberu minn materjal ta' għata; faqqiegħ mhux maqtugħ jista' jkollu wkoll traċċi ta' materjal ta' għata fis-sieq.

(ii) *Klassi I*

Faqqiegħ f' din il-klassi għandu jkun ta' kwalità, apparenza, żvilupp u kulur tajba. Għandu jkun karatteristiku tat-tip kummerċjali.

Is-segwenti difetti h'fief jistgħu, madankollu, jiġu permissi jekk ma jaffettwawx l-apparenza ġenerali tal-prodotti, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fl-imballaġġ:

- difett ħafif fil-forma,
- difett ħafif fil-kulur,
- tbajja' h'fief superfiċjali jekk dawn m' humiex progressivi,
- tbenġil ħafif superfiċjali,
- traċċi ħafif ta' materjal ta' għata; faqqiegħ mhux maqtugħ jista' jkollu wkoll xi f'it materjal ta' għata fis-sieq.

(iii) *Klassi II*

Din il-klassi tinkludi faqqiegħ li ma jikkwalifikax biex jiġi nkluż fil-klasijiet oġhla iżda jissoddisfa r-rekwiżiti minimi stabbilit fuq.

Dawn id-difetti jistgħu jiġu permissi jekk ma jaffettwawx l-apparenza ġenerali tal-prodotti, il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni fl-imballaġġ:

- difett fil-forma,
- difett fil-kulur,
- tbajja' h'fief,
- tbenġil ħafif,
- zkuk vojta,
- traċċi ta' materjal ta' għata; faqqiegħ mhux maqtugħ jista' jkollu wkoll xi f'it materjal ta' għata fis-sieq.

## 3. DISPOSIZZJONIJIET DWAR ID-DAQS

Id-daqs jiġi determinat skond id-djometru massimu tal-kappa u t-tul taz-zokk, skond dawn l-ispeċifikazzjonijiet.

**Daqs minimu**

Il-minimu tad-djometru tal-kappa għandu jkun mhux inqas minn 15 mm għall-faqqiegħ tal-kappa magħluqa, miftuħ jew mgħotti u 20 mm għal faqqiegħ ċatt.

**Tul taz-zokk**

It-tul taz-zokk jitkejjel:

- mill-gills ta' taħt il-kappa għal faqqiegħ miftuħ u ċatt,
- mill-velu għall-faqqiegħ magħluq jew mgħotti.

Id-daqsijiet huma obligatorji għall-faqqiegħ fil-klassi "Extra" skond is-segwenti tabella, u l-faqqiegħ tal-Klassijiet I u II għandhom jilhqg l-iskali tad-daqs speċifikati jekk it-termini "żgħir", "medju" jew "kbir" huma indikati:

Faqqiegħ magħluq, miftuħ jew mgħotti			
Djometru tal-kappa		Tul massimu taz-zokk	
Daqs	Limiti tad-daqs	Faqqiegħ maqtugħ	Faqqiegħ mhux maqtugħ
Żgħir	15-45 mm	1/2 tad-djometru tal-kappa	2/3 tad-djometru tal-kappa
Medju	30-65 mm		
Kbir	50 mm u aktar		

  

Flat mushrooms			
Djometru tal-kappa		Tul massimu taz-zokk	
Daqs	Limiti tad-daqs	Faqqiegħ maqtugħ	Faqqiegħ mhux maqtugħ
Żgħir	20-55 mm	2/3 tad-djometru tal-kappa	
Kbir	50 mm u aktar		

#### 4. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR TOLLERANZI

Tolleranzi dwar il-kwalità u d-daqs għandhom jiġu permessi f' kull pakkett għal prodotti li ma jissoddisfawx il-ħtiġijiet tal-klassi indikata.

##### A. Tolleranzi dwar kwalità

(i) *Klassi "Extra"*

5 % min-numru jew piż tal-faqqiegħ li ma jissoddisfawx il-ħtiġijiet tal-klassi, iżda li jilħqu dawk tal-Klassi I jew, eċċezzjonalment, li jidħlu fit-tolleranzi ta' dik il-klassi

(ii) *Klassi I*

10 % min-numru jew piż tal-faqqiegħ li ma jissoddisfawx il-ħtiġijiet tal-klassi, iżda li jilħqu dawk tal-Klassi II jew, eċċezzjonalment, li jidħlu fit-tolleranzi ta' dik il-klassi.

(iii) *Klassi II*

10 % min-numru jew piż tal-faqqiegħ biz-zokk nieqes u 10 % min-numru jew piż tal-faqqiegħ li ma jissoddisfawx la l-ħtiġijiet tal-klassi u lanqas il-ħtiġijiet minimi, għal raġunijiet oħrajn, minbarra prodotti affettwati minn tħassir jew deterjorazzjoni oħra li trendih mhux tajjeb għall-konsum.

##### B. Tolleranzi speċjali għall-istadji ta' l-iżvilupp

(i) *Klassi "Extra"*

5 % min-numru jew piż tal-faqqiegħ ta' l-istadju ta' l-iżvilupp ta' qabel u ta' faqqiegħ ta' l-istadju li jmiss ta' l-iżvilupp huma permessi.

(ii) *Klassi I*

10 % total min-numru jew piż tal-faqqiegħ ta' l-istadju ta' l-iżvilupp ta' qabel u ta' faqqiegħ ta' l-istadju li jmiss ta' l-iżvilupp huma permessi.

(iii) *Klassi II*

Jista' jitħallat f' kull pakkett faqqiegħ fi stadji differenti ta' l-iżvilupp. Iżda meta l-istadju ta' l-iżvilupp huwa indikat, massimu totali ta' 25 % min-numru jew piż tal-faqqiegħ ta' l-istadju ta' l-iżvilupp ta' qabel u ta' faqqiegħ ta' l-istadju li jmiss ta' l-iżvilupp huma permessi.

##### C. Tolleranzi dwar daqs

Għall-klassijiet kollha: 10 % min-numru jew piż tal-faqqiegħ li ma jikkonformax mad-daqsijiet indikati

#### 5. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR PREŻENTAZZJONI

##### A. Uniformità

Il-kontenut ta' kull pakkett għandu jkun uniformi u jkun fih biss faqqiegħ ta' l-istess oriġini, tip kummerċjali, stadju ta' l-iżvilupp (bla ħsara għad-dispożizzjonijiet taħt IV(B) fuq), kwalità u daqs (jekk ikun bid-daqsijiet).

Pakketti għall-bejgħ b'piż nett ta' mhux aktar minn 1 kilo jista' jkun fihom taħlitiet ta' faqqiegħ ta' kuluri differenti, sakamm huma uniformi fil-kwalità, stadji ta' l-iżvilupp u daqs (jekk ikunu bid-daqsijiet) u, għal kull kulur ikkonċernat, fl-oriġini.

Il-parti viżibbli tal-kontenut tal-pakkett għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut sħiħ.

##### B. Imballaġġ

Il-faqqiegħ għandu jiġi ppakkjat b' tali mod li l-prodotti jiġu protetti sew.

Il-materjali użati għewwa l-imballaġġ għandhom ikunu ġodda, nodfa u ta' tali kwalità li jiġu evitati tibdiliet interni jew esterni fil-prodotti. L-użu ta' materjali, partikolarment karti jew bolol li fihom speċifikazzjonijiet kummerċjali huwa permess, sakemm l-istampar jew it-tabellar ikun sar b' inka jew kolla mhux tossiċi.

Il-pakketti għandhom ikunu liberi minn materja esterna, inkluż materjal ta' għata eċċessiv.

## 6. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR MARKI

Kull pakkett għandu jkollu dawn id-dettalji, f' ittri iggruppjati fuq l-istess naħa, immarkati b'mod leġibbli u li ma jitħassarx, u viżibbli minn barra:

### A. Identifikazzjoni:

Min jippakkja u/jew jibgħat: isem u indirizz jew marka ta' kodiċi uffiċjalment maħruġ jew aċċettat. Iżda fil-każ fejn tintuża l-marka tal-kodiċi, ir-referenza "minn jippakkja u/jew jibgħat" (jew taqsir ekwivalenti) għandha tiġi indikata b' konnessjoni viċina mal-marka tal-kodiċi.

### B. Natura tal-prodott

- Jekk il-kontenut ma jidherx minn barra:
  - faqqiegħ ikkoltivat,
  - "maqtuġħ" jew "mhux ikkoltivat"
  - kulur jekk mhux "abjad"
- Stadju ta' żvilupp (mhux obbligatorju),
- Fil-każ ta' pakketti għall-bejgħ li fihom taħlita ta' faqqiegħ ta' kuluri differenti, l-ismijiet tal-kuluri differenti.

### C. Oriġini tal-prodotti

- Pajjiż ta' l-oriġini u, jekk trid, distrett fejn tkabbru, jew isem il-post nazzjonali, reġjunali jew lokali,
- Fil-każ ta' pakketti għall-bejgħ li jkun fihom taħlita ta' faqqiegħ ta' oriġini differenti ta' kuluri differenti, l-indikazzjoni ta' kull pajjiż ta' l-oriġini għandha tidher viċin tal-isem tal-kuluri kkonċernati.

### D. Speċifikazzjonijiet kummerċjali

- Klassi
- Daqs (jekk bid-daqsijiet) espress b'ħala minimu u massimu tad-djometru tal-kappa jew bit-terminu "żgħir", "medju" jew "kbir"
- Piż nett.

### E. Marka ta' kontroll uffiċjali (mhux obbligatorja)

---